8 ta' Marzu, 1965.

**Imhallfin:**

**S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., LL.D., B.A., President.**
**Onor. T. Gouder, LL.D.**
**Onor. J. Flores, B.L.Can., LL.D.**

Paolina armla Gili

*versus*

Avukat Dottor Arturo Valenzia noe. et.

**Bord tal-Kera — Protezzjoni lil min għandu interess fil-fond**

*Każ fejn wieħed kien kera post għal waħda ħabiba tiegħu li minnha kellu żewġt itfal, u wara mar l-Awstralja fejn ingħaqad mal-familja leġittima tiegħu, pero kompla jibgħatilha l-flus biex tħallas il-kera.*

*Għalkemm dik il-ħabiba ma tistax titqies koinkwilina tal-fond, u lanqas setgħet titqies bħala membru tal-familja tiegħu, pero kella interessi derivanti lilha mill-inkwilin li għandhom jiġu protetti għall-finijiet tal-liġi tal-kera.*

Il-Qorti,

Rat it-talba tar-rikorrenti quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera biex tieħu lura l-fond 61 Rue D'Argens Street, Msida mikri lill-intimat Pollacco billi għandha bżonnu għall-abitazzjoni ta' binha;

Rat ir-risposta;

Rat id-deċiżjoni ta' dak il-Bord tal-24 ta' Settembru, 1964 li biha t-talba ġiet miċħuda, spejjeż mingħajr taxxa, wara li

Tikkunsidra:

Illi mill-provi u mis-sentenza mogħtija minn dan il-Bord fil-5 ta' Frar, 1958, jirriżulta li dan il-fond kien ġie mikri minn Pollacco li kien qiegħed igħix ma' Ludgarda Bartolo bħala raġel u mara, għall-abitazzjoni ta' din Bartolo u ta' żewġt itfal li dina kellha minnu. In segwitu dan Pollacco reġa' mar igħix mal-mara tiegħu, u f'dan il-fond baqgħu jabitaw biss dik Bartolo u ż-żewġt itfal tagħha. **Dan l-istat kien not lir-rikorrenti.** Issa li ż-żewġt itfal ta' Pollacco ma baqgħux jabitaw f'dan il-fond, ir-rikorrenti tallega illi dik Bartolo hija estranea u li hija għandha d-dritt tieħu lura l-fond indipendentement jekk din Bartolo hix provduta jew le b'alternative accommodation;

Illi una volta li, kif ġie stabilit fis-sentenza fuq imsemmija li tagħmel stat bejn il-partijiet, l-imsemmi Pollacco għadu jiddetieni l-post biex fih ikomplu joqgħodu l-mara li kienet tgħix miegħu u t-tfal li kellu minnha dan kien not lir-rikorrenti fuq l-iskorta tas-sentenza "Schembri vs Refalo" (App. 9.11.59) fuq dawn il-fatti din Ludgarda Bartolo hija koinkwilina tal-fond f'ċertu sens u għandha d-dritt tokkupa l-fond almenu sakemm dak Pollacco ma jiddikjarax li huwa irid ixolji l-lokazzjoni. Barra minn dan, kif ġie ritenut fil-kawża "Zammit vs. Galea" (App. 11.12.59) jitqiesu bħala membri tal-familja dawk li joqgħodu permanentement mat-tenant, fis-sens li jagħmlu d-dar tagħhom miegħu, bħala distinti minn dawk li qegħdin f'visita temporanea u għalhekk għal dan il-fini mhux biss it-tfal ta' Pollacco, imma anke Bartolo għandha tiġi kunsidrata bħala mem-

**bru tal-familja tal-intimat;**

Illi għalhekk, billi ma jirrisultax illi din Bartolo hija fornita b'alternative accomodation, irid jiġi kunsidrat il-hardship rispettiv.

Illi Giovanni Gili, li għalih qiegħed jintalab il-fond, għandu mara u tifla ta' ħdax-il-sena, u joqgħod ma' omm martu b'hekk f'parti ta' isfel tal-fond u jinsab ristrett. Ftit xhur qabel ma sar ir-rikors ir-rikorrenti kellha dar battala f'Rue D'Argens, li hija setgħat akkomodat fiha lil binha; u intant tatha ċens lil ħaddieħor biex tkun tista tawmenta l-kera minn £15 għal £50. Minn naħa l-oħra din Bartolo, jekk it-talba tiġi milqugħa, issib ruħha fit-triq. F'dawn iċ-ċirkostanzi hu intuitiv illi l-hardship tal-intimat huwa akbar minn dak tar-rikorrenti.

Rat ir-rikors li bih l-aħwa Gili appellaw minn dik id-deċiżjoni u talbu li tiġi revokata u t-talba tagħhom tiġi milqugħa bl-ispejjeż.

Rat ir-risposta tal-kuraturi biex jirrappresentaw lill-assenti Joseph Pollacco li qalu li d-deċiżjoni appellata hi ġusta u tistħoqq konferma.

Rat ir-risposta ta' Ludgarda Bartolo li wkoll talbet il-konferma tad-deċiżjoni appellata.

Rat l-atti kollha tal-kawża, reġgħet semgħet lill-imsemmija Ludgarda Bartolo, semgħat it-trattazzjoni u kkunsidrat —

Kif kien ġie rilevat fid-deċiżjoni tal-kawża l-oħra, Joseph Pollacco kien kera l-fond in kwistjoni mingħand

omm l-appellanti **għall-abitazzjoni prinċipalment ta' Ludgarda Bartolo u ż-żewġt itfal li hu kellu minnha.** Joseph Pollacco illum jinsab imsiefer l-Awstralja fejn emigra xi seba' snin ilu u fejn aktarx qiegħed igħix ma' martu leġittima. Iż-żewġt itfal naturali tiegħu issa żżewġu u m'għadhomx igħixu ma' ommhom fil-fond in kwistjoni. F'dan il-fond ma baqgħax tabita ħlief l-istess Ludgarda Bartolo.

Fid-deċiżjoni appellata l-Bord irritiena illi "fuq l-iskorta tas-sentenza "Schembri vs. Refalo" (App. 9.11.59). . . Ludgarda Bartolo hija ko-inkwilina tal-fond f'ċertu sens u għandha d-dritt tokkupa l-fond almenu sakemm Pollacco ma jiddikjarax li jrid ixolji l-lokazzjoni. Kontra dan, l-appellanti jirrilevaw illi l-lokazzjoni oriġinali saret lil Pollacco. Wara li dan siefer, — Ludgarda Bartolo talbet biex tiġi hi stess rikonoxxuta bħala l-inkwilina, iżda l-awtriċi tal-appellanti, irrifjutat. Għalkemm materjalment il-ħlas tal-kera ġie li sar minn Ludgarda Bartolo l-irċevuti baqgħu dejjem isiru f'isem Pollacco. Għalhekk — qalu l-appellanti — Ludgarda Bartolo ma tistax titqies l-inkwilina u anqas ko-inkwilina ma' Pollacco. Anke meta l-kera ġie depożitat il-Qorti, iċ-ċedola saret f'isem Pollacco bħala l-uniku inkwilin. L-appellanti issottomettew ukoll illi m'hemmx analoġija bejn dan il-każ preżenti u dak "Schembri vs. Refalo" ċitat fid-deċiżjoni appellata li kellha fattispeċie partikolari.

L-appellati ma dehrux fit-trattazzjoni tal-appell li huma verament jinsistu li Ludgarda Bartolo hi legalment inkwilina jew ko-inkwilina tal-fond. Huma però **insistew illi sa mill-bidu nett il-lokazzjoni saret għall-interess u kommodu ta' Ludgarda Bartolo u ż-żewġ uliedha u issa għalkemm it-tfal iżżewwġu, ma' jfissirx illi l-omm għandha tiġi pprivata mill-benefiċċju tal-lokazzjoni.**

Din il-Qorti jidhrilha illi din l-aħħar sottomissjoni tal-

appellati hi fondata u tista' tiġi mogħtija effett ankorke Ludgarda Bartolo ma titqiesx koinkwilina tal-fond. Anqas hemm bżonn, biex dik is-sottomissjoni jkollha effett, illi Ludgarda Bartolo titqies — kif ġiet meqjusa fid-deċiżjoni appellata — bħala membru tal-familja ta' Joseph Pollacco. Difatti fuq dan il-pont din il-Qorti taċċetta s-sottomissjoni tal-appellant illi, fiċ-ċirkostanzi kif issa dbiddlu, bis-safar ta' *Joseph Pollacco u r-riunjoni tiegħu mal-familja leġittima*, Ludgarda Bartolo ma tistax u m'għandhiex titqies anqas sempliċement għall-finijiet tal-liġi rilevanti għal din il-kawża, bħala membru tal-familja tiegħu.

Dan pero ma jġibx, kif ġa ntqal, illi **Ludgarda Bartolo *m'għadx għandha interessi derivanti lilha minn Joseph Pollacco* li għandhom jiġu protetti għall-finijiet ta' dik il-liġi.** Irriżulta mill-provi illi Pollacco għadu jikkonsidra ruħu tenut — sja pure jekk mhux strettament legalment — li jipprovdi għall-abitazzjoni ta' Ludgarda Bartolo, omm żewġ uliedu. Hu baqa, anke wara li siefer, jibgħatilha l-flus biex tħallas il-kera tal-fond 'n kwistjoni li kien, kif ġa ntqal, kera anke għaliha. F'din il-kawża stess Pollacco, permezz tal-kuraturi li jirrappreżentawh qiegħed jopponi t-talba tal-appellanti għaliex irid jibqa jimmantjeni l-lokazzjoni tal-fond biex fih tista tkompli tgħammar Ludgarda Bartolo.

Issa f'din il-kawża m'hemm ebda kwistjoni ta' availability ta' suitable alternative accommodation: imma hemm biss kwistjoni ta' paragun tal-hardship: u għall-finijiet ta' dan il-paragun għandhom jitqiesu ċ-ċirkostanzi kollha. Kif din il-Qorti qalet diversi drabi, riferibilment għall-kerrej jistgħu jiġu kkunsidrati ċ-ċirkostanzi ta' hardship ta' dawk il-persuni kollha li hardship tagħhom ikun hardship anke tiegħu. Din il-Qorti hi ta' fehma illi meta wieħed iqis l-obbligi, almenu ta' ċertu unur u ta' umanita, li Pollacco jidher

li jħoss li għad għandu lejn il-mara li magħha kellu relazzjoni ta' bosta snin — għalkemm sfortunatament illeċita — li minnha twieldu żewġ uliedu li għalihom ukoll hu kellu kif jidher mill-provi affezjoni ta' missier, il-hardship tagħha hu hardship ukoll tiegħu.

Paragunat il-hardship li jiġi kkaġunat bl-iżgumbrament lil Ludgarda Bartolo mingħajr imkien fejn tista' tmur toqgħod (il-Qorti mhix tikkunsidra l-kmamar f'kerrejja suġġeriti bla preġudizju mill-appellanti waqt l-appell għax, kif qalet Ludgarda Bartolo huma pressokke inabitabili), il-Qorti taqbel mal-Bord illi jkun akbar minn dak ta' Giovanni Gili li almenu għandu x'imkien fejn jabita anke jekk mhux komodament. Il-Qorti tissenjala wkoll iċ-ċirkostanzi rilevati mill-Bord illi ftit xhur qabel ma sar ir-rikors quddiemu l-appellanti setgħu akkommodaw kif jixraq lil Giovanni Gili f'post ieħor tagħhom *li kien battal iżda* huma għażlu li jdaħħlu aktar flus tiegħu.

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u fis-sens tal-konsiderazzjonijiet premessi tikkonferma d-deċiżjoni appellata: iżda in vista taċ-ċirkostanzi tordna li anki l-ispejjeż tal-appell jibqgħu bla taxxa ħlief id-dritt tar-*Reġistru li jħallsuh l-appellanti.*